



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0029/2022**

16.2.2022

**\*\*\***

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (13448/1/2018 – C9-0416/2021 – 2018/0084(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Paulo Rangel

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	10



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (13448/1/2018 – C9-0416/2021 – 2018/0084(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (113448/2018),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (13449/2018),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0416/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0029/2022),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan il-ftehim emendatorju dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji u għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali jikkostitwixxi simultanjament il-qofol tal-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

Il-Brażil u l-UE jikkondividu relazzjoni li ilha teżisti msejsa fuq rabtiet kulturali, storiċi, politiċi u ekonomiċi b'saħħithom ibbażati fuq valuri ewlenin komuni. Il-Brażil kien wieħed mill-ewwel pajjiżi li stabbilixxa relazzjonijiet diplomatiċi mal-UE. Fis-snin 1960, iż-żewġ partijiet wettqu skambju ta' missjonijiet diplomatiċi formali. L-UE flimkien ma' tlieta u għoxrin Stat Membru tal-UE bħalissa għandhom preżenza diplomatika fi Brasilia.

Fl-2007, l-UE u l-Brażil ifformalizzaw ir-rwol tagħhom bħala sħab globali ewlenin permezz tal-istabbiliment tas-Sħubija Strateġika formali bejn l-UE u l-Brażil. Is-sħubija l-għdida ġiet varata fl-ewwel Summit UE-Brażil li sar f'Lisbona fl-2007.

Fil-kuntest tas-Sħubija Strateġika, ġew stabbiliti djalogi regolari f'faktar minn 30 qasam bħal kwistjonijiet politiċi u d-drittijiet tal-bniedem; affarijiet barranin, kwistjonijiet multilaterali, iċ-ċibersigurtà, l-ambjent u t-tibdil fil-klima; il-kultura u l-edukazzjoni; it-trasport marittimu u dak bl-ajru; l-enerġija; u x-xjenza u l-innovazzjoni.

Ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u l-Brażil żviluppaw permezz tal-proċess tas-summit, permezz ta' djalogi makroekonomiċi, skambji bilaterali bejn l-UE u l-awtoritajiet Brażiljani kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni f'fora multilaterali, bħall-G20. Pereżempju, is-seba' Summit bejn l-UE u l-Brażil, li sar fl-2014, identifika tkabbir ekonomiku b'saħħtu, bilanċjat u sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni. Djalogi makroekonomiċi regolari bejn l-UE u l-Brażil jipprovdu forum utli għal skambju ta' fehmiet miftuħ dwar l-ekonomiji rispettivi tal-UE u tal-Brażil, kwistjonijiet ta' politika makroekonomika u sfidi ekonomiċi globali.

Aktar reċentement, l-Unjoni Ewropea u l-Brażil ikkooperaw mill-qrib minn meta bdiet il-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Il-Brażil għen bir-ripatrijazzjoni ta' eluf ta' ċittadini tal-UE mhux residenti iżda maqbuda fil-Brażil fil-bidu tal-kriżi.

Fis-16 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' negozjati għall-emendar tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, li l-Kunsill adotta fid-9 ta' Ottubru 2014.

In-negozjati mal-Brażil ġew iffinalizzati b'suċċess fil-31 ta' Ottubru 2017 permezz tal-inizjaljar tal-ftehimiet li jemendaw iż-żewġ Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali u għad-detenturi ta' passaporti ordinarji. Madankollu, il-ftehimiet emendatorji mal-Brażil (għad-detenturi ta' passaporti ordinarji u wieħed għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi), li ġew inizjalati fl-2017, ġew iffirmati biss fis-27 ta' Settembru 2021.

L-elementi ewlenin tal-ftehimiet huma:

- a) Definizzjoni aġġornata ta' soġġorn qasir, f'konformità mal-acquis tal-UE u adatta għad-dħul fis-seħħ tal-EES: il-kliem "tliet xhur" għandhom jiġu interpretati bħala "90 jum"; il-kliem "tliet xhur matul perjodu ta' sitt xhur" għandhom jiġu interpretati bħala "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";
- b) Dħul fis-seħħ biss wara sitt xhur mir-ratifika;
- c) Dikjarazzjoni miżjuda bħala anness għad-deċiżjoni tal-Kunsill: "*Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017. B'konsegwenza ta' dan, sa mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-Istati Membri li japplikaw l-acquis ta' Schengen bis-sħiħ se tfixxer l-Istati Membri li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni. Il-perjodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum se jiġi kkalkulat b'kont meħud tal-perjodu ta' soġġorn fl-Istati Membri kollha li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni.*"

Bħala konklużjoni, dawn il-ftehimiet jistgħu jippermettu t-tkomplija tas-sħubija tagħna fl-ambitu ta' qafas legali ċar. L-emenda tal-eżenzjoni mill-viża se tkompli tibgħat messaġġ pożittiv ta' appoġġ għall-pajjiż.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jisħaq fuq l-impatt bl-ebda mod negliġibbli li l-eżenzjoni mill-viża se jkollha fuq it-tqarrib bejn il-popli tal-Ewropa u l-Brażil. Il-ftehim il-ġdid dwar l-eżenzjoni mill-viża se jippermetti li ċ-ċittadini mhux biss igawdu bis-sħiħ mis-Sħubija Strateġika UE-Brażil, iżda jkomplu jipparteċipaw fiha billi jivvjaġġaw bi prezzijiet irħas u b'mod ekonomiku u Prattiku f'qafas legali aktar ċar u koerenti.

#### Dispożizzjonijiet speċifiċi

Is-sitwazzjoni partikolari tar-Renju Unit u tal-Irlanda qed tittieħed inkunsiderazzjoni fil-preambolu. Għalhekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex se jipparteċipaw fil-ftehim li ġie konkluż u mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tiegħu.

L-involviment mill-qrib tan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen huwa rifless ukoll f'dikjarazzjoni konġunta annessa mal-Ftehim. Id-dikjarazzjoni tħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi jikkonkludu mill-aktar fis possibbli mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir f'termini simili għal dawk ta' dan il-Ftehim.

\*\*

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament jagħtu l-appoġġ tagħhom lil din ir-rakkomandazzjoni u li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu.





## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għal detenturi ta' passaporti ordinarji
<b>Referenzi</b>	13448/1/2018 – C9-0416/2021 – 2018/0084(NLE)
<b>Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni</b>	9.11.2021
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 10.11.2021
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Paulo Rangel 4.9.2019
<b>Eżami fil-kumitat</b>	1.2.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.2.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 66 -: 2 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Lucia Āuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Nuno Melo, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Ralf Seekatz, Birgit Sippel, Sara Skytvedal, Vincenzo Sofo, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Malin Björk, Tanja Fajon, Daniel Freund
<b>Data tat-tressiq</b>	16.2.2022

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>66</b>	<b>+</b>
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska
ID	Nicolas Bay, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Peter Kofod, Annalisa Tardino
NI	Laura Ferrara, Martin Sonneborn
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Nuno Melo, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
The Left	Konstantinos Arvanitis, Malin Björk, Clare Daly, Cornelia Ernst
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Daniel Freund, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

<b>2</b>	<b>-</b>
ID	Marcel de Graaff, Tom Vandendriessche

<b>1</b>	<b>0</b>
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni